*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 69**

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Charlot Cassar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku beda biex jgħid li għandna nżommu minuta silenzju għat-telfa ta' ħu l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u għat-telfa ta' missier eks skrivana tal-Kunsill is-Sinjorina Leticia Chetcuti.

**69.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**69.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara żewġ ittri t'apoloġiji tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u s-Sur Daniel Spiteri

**69.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 68 tal- 15 ta' Frar 2018:***

**69.2.1** Ma kienx hemm l-ebda korrezzjoni.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**69.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 3 paragrafu 68.3.2 rigward il-ġbir addizzjonali tal-borża l-griża kull nhar ta' Ġimgħa jekk bediex dan is-servizz, peress illi huwa ma rċeviex in-notifika fir-residenza tiegħu.

Is-Sidnku qal illi kien hemm żball fid-data iżda hu nforma lill-pubbliku permezz tal-midja soċjali kif ukoll fl-avviżi tal-knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi n-notifiki tqassmu u kien ikkonferma ukoll il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri li joqgħod iż-Żonqor ukoll u anke itellgħet post fuq *facebook*.

**69.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 5 paragrafu 68.7.2. Huwa qal illi issa li l-bord tal-moniteraġġ tal-impjant ser jibda jerġa jiltaqa, x'jista jsir biex jkunu jistgħu jressqu l-punti tagħhom sabiex jiġu diskussi waqt dan il-bord.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jgħaddi l-indirizz tal-imejl lill-Kunsilliera kollha tal-Professur Buhagiar sabiex meta xi Kunsillier jkollu xi punt biex jitressaq jgħaddih lil Professur Buhagiar dirett.

**69.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 6 paragrafu 68.7.7 fuq il-permessi tal- *high ups* jekk bdejniex noħorġu dawn il-permessi bi ħlas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu fil-posittiv, iżda waqt laqgħat li kellhom ma l-Ansek, talbu lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jistabillixi rati fissi fost il-Kunsilli Lokali għaliex mhux kull Kunsill qiegħed jiċċarġja l-istess flus.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk nafux kemm għandna *tower krejns* fil-lokal tagħna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-*customer care* għandhom rendikont ta' dan.

Is-Sindku qal illi t-*tower krejn* li hemm fi Triq in-Nadur daqt iżarmawh.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li t-*tower krejn* li hemm fi Triq il-Katakombi daqt iżarmawh ukoll. Huwa kompla jgħid illi t-triq issa tibqa *one way.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li konna ordnajna xi tabelli u marki tal-karreġjat fi Triq in-Nadur u għadhom ma sarux.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser niċċekjaw.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrance Ciantar staqsa jekk il-kuntratt tal-Bandli taż-żonqor ġiex iffirmat u meta ser jibda ix-xogħol.

  Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ġie ffirmat illum u x-xogħol jrid jitlesta f'sittax il-ġimgħa.

  Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li importanti li jibda x-xogħol minħabba li minn Ġunju ma jkunx jista jsir skavar u twaqqiegħ fi Triq iż-Żonqor.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.11pm***

**69.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**69.3.1** **Representation PC/00024/18:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera rigward il-binja li ser tinbena fi Triq il-Grigal kantuniera mal-isqaq dejjaq li jgħati għal *tower path*, fejn il-propretarju talab lil *Planning Authority* sabiex joħroġ il-barra mill-linja tal-bini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna issottomettejna l-oġġezzjoni tagħna sabiex ma noħolqux preċedent.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**69.3.2** **Is-Salvazzjoni tagħna booklet- Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira:**

Is-Sindku qal li bħal kull sena ser issir wirja tal-Ġimgħa l-Kbira b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta Mużikali Sant'Anna. Huwa kompla jgħid illi l-Kunsill ser jħallas għal *booklet u l-posters*. Huwa qal ukoll illi minn din is-sena minflok ser nikru l-imwejjed, għamilna strippi tal-ħadid u b'ħala wiċċ ser nużaw il-bords li kellna sabiex jibdew jintużaw bħala mwejjed kull darba li jkun hemm bżonn u b'hekk ser jiġu frankati eluf ta flus.

**69.3.3** **Jinbidel l-isem ta' Triq il-Qrempuċ:**

Is-Sindku qal illi l-parti ta' Triq il-Qrempuċ li tagħti minn Triq Gużeppi Spagnol għandha tingħata isem ġdid minħabba li hija diffiċli li jsibu din il-parti tat-triq minħabba li hija imblokkata minn siġra kbira mill-kumplament ta' Triq il-Qrempuċ.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-isem ta' Triq il-Luzzu u għaldaqstant għandu jibda l-proċess.

**69.3.4** **Representation PC/00024/18:**

Din il-kommunikazzjoni ġiet diġa diskussa f'paragrafu 69.3.1

**69.3.5** **Applikazzjoni PA/09771/17:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal lil sid is-San Tomaso Restaurant tal-Bajja San Tumas issottometta applikazzjoni l-*Planning Authority 'addition to winter canopy'.* Huwa qal li l-applikazzjoni ma nafux jekk hux biex iġib il-peremss tal-*canopy* li diġa hemm jew jekk hux biex issir oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex ngħidu lil Perit tal-Kunsill jiċċekja fuq dan il-permess u ninfurmaw lil Kunsilliera bir-risposta.

**69.3.6** **Proġett taħt il-Programm LIFE+ - Talba għal xi infomrazzjoni mill-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali (35/0803/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi talbuna nibgħatulhom x'tip ta' vettura għandu bżonn il-Kunsill u aħna nfurmajnijhom illi l-Kunsill għandu bżonn vann.

**69.3.7 Problema li nqalgħet bir-rubber matting tal-Pjazza Mifsud Bonnici:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi għandna problema kbir bir-*rubber matting* tal-bandli ta'Pjazza Mifsud Bonniċi għaliex hemm ammont sostanzjali li jrid jinbidel.

Huwa kompla jispjega li talab peress lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex issir *direct request* sabiex jinbidel dan ir-*rubber matting* mingħajr ma noħorġu kwotazzjoni jew *tender*. Huwa kompla jgħid illli id-Dipartiment tagħna permess li noħorġu *direct request* għal ammont ta' €10,000 eskluż il-vat.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi kellem u ġab stima mingħand żewġ kuntratturi għar-*rubber matting*. Huwa qal li Mario Mallia l-istima tiegħu hija €39 eskluż il-vat filwaqt li *Road Maintenance Service* hija €65 inkluż il-vat. Huwa qal li b' €10,000 eskluż il-vatt ser ngħamlu żona waħda biss.

- ***Il-Viċi Sindku s-Dr. Desiree Attard daħlet għal-laqgħa fis-6.37pm***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandna nitolbu lil Ministru tal-Kunsilli Lokali kif ukoll lil Ministru tat-Turiżmu b'din il-problema għaliex ma nistawx nistennew biex noħorġu *tender* għax ser jieħu fit-tul u jilħaq jidħol is-Sajf.

Il-Kunsill qabel li nitolbu lil Minsitru tal-Kunsilli Lokali kif ukoll lil Minsitru tat-Turiżmu għal *Direct Order Request* ta' madwar €15,000 eskluż il-VAT.

**69.4 *Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm tweġibiet

**69.5 *Approvazzjoni tal-Business Plan 2018-2020:***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*business plan* lil Kunsilliera u qal li fih hemm iproġettat li l-ewwel fażi tal-bini tal-Kunsill li għandha tkun lesta sal-aħħar tass-sena 2019.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-*forecast* ma jistax jkun preċiż għal fatt li ma nafux meta ser jtuna l-flus tal-UIF u anke meta ser ndaħlu l-parti l-oħra tal-flus tal-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li huwa jaqbel mal-*business plan* iżda jżomm il-pożizzjoni tiegħu rigward il-bini tal-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna u għaldaqstant qed joġġezzjona għal fondi ivvutati għalih fil-business plan.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-business plan u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

Il-Kunsillier is-Sur charlot Cassar iddikjara li ma jaqblix biss mal-biċċa finazjara li għandha x'taqsam mal-bini tal-Kunsill.

69.5.1 ***Approvazzjoni ta' rapport finanzjarju 2017 kif aġġustat mill-Awdituri:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Audit għas-sena 2017 sar u morna tajjeb ħafna, kull ma kellna żewġ aġġustamenti żgħar.

***l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2017 kif aġġustat mill-Awdituri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**69.6** **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġa.</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

**69.7** **<u>Korrispondenza:</u>**

**69.7.1** ***<u>Informazzjoni mil-Wasteserv fuq l-ammont ta' skart mormi mil-lokalitajiet:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna wieħed mill aktar Kunsilli li jiġbor skart domestiku u hawn iktar minn 50 Kunsill illi qed jilħqu l-miri stabbiliti mil-Wasteserv.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li meta tikkompara l-Kunsill ta' Marsaskala ma kunsilli oħra bħal San Gwann li għandu popolazzjoni iktar minnha jew il-lokal ta' Birkirkara li għandu popolazzjoni ta' 22,000 tinduna kemm għadna lura sabiex nilħqu il-miri tagħna. Huwa kompla jgħid li għandna innqasu l-ġbir tal-iskart domestiku u nżidu is-servizz tal-iskart separat u jsir iktar *awareness*.

Is-Sindku qal li hu jibqa skantat kif jitkellem kuljum mal-Green Mt u dejjem bil-*bring in site*s mimlijin u għadna lura biex nilħqu il-miri. Huwa kompla jispjega illi l-Gvern ser jimplimenta strateġija tal-iskart obligatorja.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar wieġeb li l-Kunsill mhux qed jilħaq il-miri tal-borża s-sewda u dan peress li f'Marsaskala il-borża s-sewda tinġabar mit-Tnejn sal-Ħadd u din xi darba trid titnaqqas żgur.

**69.7.2** ***<u>Laqgħa dwar il-Pitch ta' Marsaskala:</u>***

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-*Waterpolo pitch* huwa taħt *management* ġdid u qed jsir *refurbishment* tal-ħanut. Huwa kompla jispjega illi talabna sabiex nirrestawraw il-fanali ornamentali li hemm fuq is-saqaf tiegħu għax qed jsirlu ħsara fis-saqaf. Huwa talab ukoll illi l-bankijiet li hemm eżistenti jinbidlu ma dawk ġodda, kif ukoll ir-railing tal-bejt jinżebagħ abjad min-naħa tagħhom. Huma talbu ukoll li joħorġu mwejjed u siġġijiet fuq il-bejt tar-restorant u qed jgħidu li għandhom il-permess diġa iżda ser jieħdu l-proċeduri kollha biex jiksbu il-permess tal-awtoritajiet kollha.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni illi jiġu restawrati l-arbli ornamentali, li jinbidlu l-bankijiet u li jiżbgħu r-*railing* abjad iżda ma jaqbilx li jkun hemm l-imwejjed u siġġijiet fuq is-saqaf tar-restorant.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li jinbidlu l-bozzoz tal-fanali ta' Triq iż-Żonqor għaliex hemm ħafna maqtugħin.

**69.7.3** ***<u>Klejm mingħand is-Sur Angelo Camilleri għal ħsarat ikkaġunati fil-vettura tiegħu fi Triq tal-Gardiel:</u>***

Is-Sindku preżenta klejm tas-Sur Angelo Camilleri li qed isostni li għamel ħsara fil-karozza tiegħu minħabba ħofra li kien hemm fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fejn l-ispiża totali tammonta għal €879.19.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li biex tgħamel dik it-tip ta' ħsara trid tkun għaddej b'ċertu veloċita` u wieħed jrid jara x'inhu l-*ispeed limit* f'din il-parti.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma naċċettawx it-talba tiegħu u li għandna ninfurmaw lil *insurance* tagħna ukoll b'dan il-każ.

**69.7.4** ***PA722/13 aġġornament tal-applikazzjoni tas-Sensi Kiosk:***

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet jekk nafux l-andament tad-deċiżjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv weġiba li kellha tiġi deċiża illum.

Il-Kunsill qabel unanimament li niċċekjaw id-deċiżjoni u ninfurmaw lil Kunsilliera.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr ġibed l-attenzjoni illi id-data tad-deċiżjoni hija 15ta' Marzu 2018 mentri d-data tas-*submissions* hija 16 ta' Marzu 2018.

Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu lil *Planning Authority* dwar dan il-każ.

**69.7.5** ***Talba mingħand is-Sur Manuel vella għan-nom ta' Solar Cinema Valletta 2018 sabiex issir attivita` fil-Bajja ta' San Tumas:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi ser ssir attivita` fil-Bajja ta' San Tumas nhar is-26 ta' Ġunju 2018 fit-8.30pm.

Il-Kunsill qabel ma din l-attivita` iżda għandha issir laqgħa mas-Sindku dwar dan.

**69.7.6** ***Robotica Nation and Game Coding Training Course mingħand TCTC (35/0726/18/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi TCTC qed jitolbu biex jsir kors fis-sajf tar-*Robotica* fejn il-Kunsill iħallas bħas-soltu s-somma ta' €1165 filwaqt li t-tfal iħallsu ammont minimu għal kors.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-kors.

**69.7.7** ***Inċident li ġara fis-centre strip ta' Marsaskala fejn is-Sur George Bezzina possibilment iffittex lill-Kunsill għad-danni:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li is-Sur George Bezzina bagħat rapport fejn kien daħal ġo *frame* li hemm fuq is-*centre strip* fi Pjazza Mifsud Bonnic u li t-tabib tiegħu qallu li jista jaqbdu *deep vein thrombosis.*

Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur George Bezzina u qallu li kien ħabat ġo *frame* tal-ħadid fis-*centre stip*. Is-Sindku spjega illi dan il-frame huwa tal-aluminium u mhux ħadid solid u li dan il-*frame* jitwaħħlu fih l-avviżi u ilha imwaħla hemm żmien u ftit metri il-fuq hemm *zebra crossing*. Huwa qal li l-inċident kien sar il-ġimgħa u li sa nhar it-tnejn dan il-bord reġa twaħħal avviż miegħu.

Is-Sindku qal illi s-Sur George Bezzina kien qallu li ser jfittex lil Kunsill għad-danni. Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill is-Segrtearju Eżekuttiv informa lil Avukat tal-Kunsill u ntbagħtet ittra legali lis-Sur Bezzina.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr qal li dawn il-*frames* għandhom jkunu *safe*.

Il-Kunsill qabel li għandha inkelmu lis-Sur Sean Fitz li huwa il-persuna responsablli minnhom sabiex jagħmel il-kapep fejn hemm il-bżonn.

**69.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:***

**69.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgha:

1. TCTC għal kors tal-EM Citizen Project 2018 li jammonta għal €1150.

**69.8.2** Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet fuq pagament 5516 tal-Awtorita` tas-Saħħa u Sigurta` rigward il-multa li kellna inħalsu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-*risk assessment* sar u qed nindirizzaw in-nuqqasaijiet kollha li kellna. Apparti minn qed huwa qal li hu flimkien mas-Sinjura Sharon Schembri ser jmorru għal kors tal-*first aid*. Fil-frattemp, il-multa tħallset bħalma għamlu l-Kunsilli Lokali kollha.

**69.8.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi qabel ma nħallsu pagament 5466 tal-Koperattiva tabelli u Sinjali l-ewwel jrid jsir ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma nħalsux dan il-pagament.

**69.8.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament 5460 ta' Mario Mallia fiwgard l-*ispeed humps*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għamilna waħda ġdida filwaqt li tranġat waħda billi ittieħdu l-aħjar partijiet taż-żewġ *sleeping police* eżistenti.

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsudi issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**69.9** ***Mozzjonijiet:***

Ma kienx hemm mozzjonijiet

**69.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 18 ta' April 2018 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 15 ta' Marzu 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |